# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju, 2024**

**Numru 14**

**Rikors Numru 400/2007/1TA**

**Carmelo Vella u Maria Carmela Vella**

**v.**

**Brian Degiorgio**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq mill-konvenut Brian Degiorgio minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija nhar is-17 ta' Ġunju, 2019, li biha kkundannat lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' €14,373.72 għal xogħlijiet ta' appalt, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-kawża sal-jum tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż tal-kawża b'kollox.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-10 ta' April, 2007, l-attur Carmelo Vella fisser kif il-konvenut Brian Degiorgio huwa debitur tiegħu fl-ammont ta' Lm6,888.40, li huwa bilanċ minn somma akbar, u dan minbarra l-imgħax dovut fuq l-istess bilanċ Jgħid li dan l-ammont huwa dovut, wara li huwa fuq inkarigu tal-istess konvenut għamel xogħlijiet konsistenti f'*mano d'opera* u alterazzjonijiet strutturali, kif ukoll forna l-materjal għall-istess xogħol, liema xogħlijiet twettqu ġewwa l-fond bin-numru 75, Triq Santa Marija, Żejtun u kif ukoll ġewwa proprjetà ta' terzi li tinsab fil-Madliena.

3. L-attur jfisser li għalkemm il-konvenut għamel ħlas parzjali tal-ammont dovut lilu għad fadal bilanċ dovut lilu. Jgħid li x-xogħlijiet imwettqa minnu, fuq inkarigu tal-konvenut, ġewwa l-fond 75, Triq Santa Marija, Żejtun, huma indikati fil-pjanti mehmuża mar-rikors maħluf.

4. Barra minn hekk, l-attur jgħid li l-bilanċ dovut għax-xogħol imwettaq u l-materjal ipprovdut minnu fil-fond numru 75, Triq Sta. Marija, Żejtun jammonta għal Lm6,265.40, minbarra l-imgħax mit-30 ta' April, 2006, filwaqt li l-bilanċ dovut għax-xogħol imwettaq u l-materjal ipprovdut minnu fil-fond li jinsab fil-Madliena jammonta għal Lm623, minbarra l-imgħax mill-bidu ta' Awwissu 2006.

5. Għalhekk b'kollox l-konvenut għandu jħallas lill-attur l-ammont ta' Lm6,888.40, minbarra imgħax maħdum kif mitlub.

6. L-atturi jissoktaw jgħidu li l-konvenut kien debitament interpellat, kemm verbalment u kif ukoll permezz ta' ittra legali tal-15 ta' Jannar, 2007, iżda dan baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża

7. Peress li fil-fehma tal-attur, il-konvenut ma kellux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talbiet tiegħu ressaq dawn il-proċeduri b'riħet l-**Artikoli *167 et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili** u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> «*1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' sitt elef tmien mija u tmienja u tmenin lira Maltin u erbgħin ċenteżmu (Lm6,888.40) rappreżentanti sitt elef mitejn u ħamsa u sittin lira maltin u erbgħin ċenteżmu (Lm6,265.40) għax-xogħol eżegwit u l-materjal fornut mir-rikorrenti fil-fond 75, Triq Sta Marija, Żejtun u sitt mija u tlieta u għoxrin liri Maltin (Lm623) għax-xogħol eżegwit u materjal fornut mir-rikorrenti fil-fond il-Madliena.*
>
> *2. Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma fuq indikata ta' sitt elef tmien mija u tmienja u tmenin lira Maltin u erbgħin ċenteżmu (Lm6,888.40).*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimat inġunt in subizzjoni, inklużi l-ispejjeż għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan l-att u l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali datata 6 ta' Frar 2007 oltre l-imgħax kummerċjali kalkolabbli mit-30 t'April 2006 fir-rigward tal-bilanċ dovut għax-xogħol eżegwit fil-proprjetà ġewwa ż-Żejtun u l-imgħax kummerċjali kalkolabbli mill-ewwel ta' Awwissu 2006 għax-xogħol eżegwit fil-proprjetà li tinsab il-Madliena.*»

8. B'nota mressqa fil-21 ta' Mejju, 2007 (f'paġni 12 sa 13 tal-atti tal-kawża), Brian Degiorgio fisser li huwa għandu numru ta' eċċezzjonijiet x'jagħti kontra l-azzjoni attriċi, u għalhekk talab lill-Ewwel Qorti sabiex il-

kawża ma tinqatax bid-dispensa tas-smigħ u minflok jingħata ċ-ċans li jilqa' għall-kawża billi jressaq tweġiba maħlufa skont il-liġi.

9. B'digriet mogħti waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju, 2007 (f'paġna 14 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-konvenut kellu eċċezzjoni (ta' ħlas) li tiswa sabiex jitħalla jikkontesta t-talbiet attriċi u minħabba f'hekk il-konvenut ingħata għoxrin jum sabiex ikun jista' jressaq it-tweġiba maħlufa tiegħu.

10. Bi tweġiba maħlufa tal-24 ta' Mejju, 2007, Brian Degiorgio laqa' għall-kawża billi qajjem dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi l-esponent għandu kull interess li jikkontesta l-kawża u jikkontesta d-dikjarazzjoni magħmula mir-rikorrent ai termini tal-artikoli 167 et seq tal-Kap. 12, u kemm-il darba seħħet notifika valida permezz ta' pubblikazzjoni u affissjoni li hu kontestat, il-proċedura sommarja ma hiex applikabbli;*
>
> *2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*
>
> *3. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont pretiż mir-rikorrenti mhux dovut u f'kull każ, u r-rikorrent mhux biss tħallas per saldu iżda, se mai tħallas aktar milli suppost;*
>
> *4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, dwar ix-xogħol eżegwit fil-fond ġewwa 75, Triq Santa Marija, Żejtun, il-partijiet inkarigaw lill-AIC Robert Musumeci, bħala perit arkitett responsabbli għall-konferma tal-kontijiet u ħlasijiet dovuti lir-rikorrent għax-xogħol magħmul u materjal supplit. L-intimat fil-frattemp għamel diversi ħlasijiet u fl-aħħar tax-xogħlijiet fil-fatt irriżulta li l-istess intimat ħallas ammont akbar minn dak ċertifikat mill-perit l-AIC Robert Musumeci. L-esponent għalhekk għandu jieħu minn u mhux jagħti flus lir-rikorrent;*
>
> *5. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, dwar ix-xogħol eżegwit fil-fond tal-Madliena, l-esponent ħallas lir-rikorrent per saldu;*
>
> *6. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent naqas milli jindika l-mod ta' kif wasal għall-allegat bilanċ dovut;*

*7. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ix-xogħol tar-rikorrent kien xogħol ta' kwalità inferjuri, xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa u l-arti u l-istess rikorrent sofra danni minħabba x-xogħol ħażin tar-rikorrent, li minn issa qed jirriżerva li jieħu kull azzjoni lilu spettanti għad-danni kawżati;*

*8. Għal dawn il-motivi, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

*9. Salv eċċezzjonijiet oħra.»*

11. B'sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju, 2019, l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża billi: (i) laqgħet l-ewwel talba tal-atturi u ddikjarat li l-konvenut huwa debitur tal-attur fl-ammont ta' Lm6,170.64 ekwivalenti għal €14,373.72, rappreżentanti Lm5,675.90 (€13,221.29) għax-xogħol eżegwit u l-materjal fornut mill-attur fil-fond 75, Triq Sta. Marija, Żejtun u Lm494.74 (€1,152.43) għax-xogħol eżegwit u materjal fornut mir-rikorrenti fil-fond il-Madliena; (ii) laqgħet it-tieni talba u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma indikata ta' €14,373.72, bl-imgħax legali mid-data ta' meta ġiet ippreżentata l-kawza sal-jum tal-ħlas effettiv; u (iii) ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, bl-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

12. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kienu dawn:

*«**<u>Punti ta' Liġi</u>***

***3**. L-azzjoni eżerċitata mill-Atturi hija għalhekk waħda ordinarja għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' materjal, 'mano d'opera' u xogħlijiet eżegwiti f'żewġ fondi ġewwa ż-Żejtun u l-Madliena. Min-naħa tiegħu l-Konvenut qiegħed jilqa' għat-talbiet Attriċi li hu ħallas għas-saldu. Din hija azzjoni fejn kreditur, b'konsegwenza ta' kuntratt ta' appalt, qiegħed ifittex li*

*jitħallas għall-xogħlijiet minnu reżi u eżegwiti fuq inkarigu tad-debitur tiegħu, in konsonanza mal-prinċipju, omnia labor optat premium. Dawn il-Qrati qalu li "Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' prinċipju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx waħda gratuwita, min jippresta s-servizzi tiegħu taħt kwalsiasi forma, għal vantaġġ ta' ħaddieħor, hu intitolat li jiġi retribwit. Dan in omaġġ prinċipju illi omnia labor, optat premium. Tenut rigward tal-elementi probatorji determinanti fil-każ konkret, jispetta lill-apprezzament għaqli tal-Qorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera tagħha, kemm għandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni" (**Ara Sentenza tat-2 ta' Marzu, 2010 Appell Ċivili fl-ismijiet Nicky Saliba -vs- Kunsill Lokali tan-Nadur**).*

***4.** L-Atturi fetħu din il-kawża bil-proċedura sommarja speċjali skont l-Artikolu 167(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Konvenut ikkontesta din il-proċedura permezz ta' nota preżentata (a fol 12). Din il-Qorti diversament preseduta ppermettitlu li jopponi l-azzjoni bil-proċedura ordinarja u li għalhekk ġie ammess jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu skont il-liġi (ara verbal datat 22 ta' Mejju 2007). Il-kawża għalhekk issoktat timxi bil-proċediment ordinarju ai termini tal-artikolu 170 tal-istess Kap.*

***<u>Konsiderazzjonijiet</u>***

***5**. Il-Konvenut laqa' għal din l-azzjoni billi, permezz tar-risposta ġuramentata, ċaħad li għandu jħallas dan l-ammont (a fol 15 ). Il-Konvenut żied jgħid ukoll li "r-rikorrent mhux biss tħallas per saldu iżda, se mai tħallas aktar milli suppost".*

***6.** Il-Konvenut sostna wkoll li x-xogħol tal-attur kien ta' kwalità nferjuri, ħażin u mhux skont is-sengħa u l-arti tant li l-konvenut "sofra diversi danni minħabba x-xogħol ħażin" tiegħu. Ma hemm xejn fl-atti però li b'xi mod jissostanzjaw anke minimament tali sottomissjoni.*

***7.** Issa, huwa inkontestat li n-natura tax-xogħlijiet fiż-Żejtun u l-Madliena li l-partijiet ftehmu fuqhom u li tagħhom l-atturi qed jeżiġu l-ħlas huwa wieħed ta' appalt kif regolat mill-artikolu 1633 sa 1643 tal-Kodiċi Ċivili. Huwa daqstant ieħor inkontestat li bejn il-partijiet kien hemm ftehim, tal-inqas verbali, fuq stimi ta' prezz għal dan l-appalt qabel ma bdew ix-xogħolijiet (ara xhieda ta' Brian Degiorgio a fol 78, 81, 273-275 u affidavit ta' Carmelo Vella a fol 134). Għalhekk, sabiex din il-Qorti tkun f'qagħda li tiddeċiedi jekk tassew hemmx bilanċ dovut u, jekk hemm, l-ammont ta' dan il-bilanċ, trid tiddetermina x'kien effettivament dak il-prezz li l-partijiet ftehmu u qablu fuqu qabel ma saru x-xogħlijiet imsemmja fiż-Żejtun u l-Madliena.*

<u>Ix-xogħol eżegwit fil-fond 75, Triq Santa Marija, Żejtun</u>

***8.** Mix-xhieda ta' Robert Lia jirriżulta li l-Konvenut sar jaf bl-Attur bil-mezz ta' ta' dan ix-xhud stess. Is-Sur Lia huwa bennej li l-Konvenut ried iqabbad sabiex iwettaq xi xogħlijiet fi proprjetà f'Ħaż-Żebbuġ. Is-Sur Lia*

*u l-Konvenut kienu ftehmu fuq ir-rati li bihom Robert Lia kellu jitħallas għax-xogħlijiet li kien se jwettaq f'Ħaż-Żebbuġ (parti minnhom huma esebiti f'dok RL a fol 105). Dawn ir-rati kienu jeskludu l-VAT (ara xhieda Robert Lia a fol 107). Irriżulta iżda li s-Sur Lia ma setax jaqdi lill-Konvenut fiż-żmien mixtieq minnu u għalhekk Robert Lia propona lill-Attur sabiex iwettaq hu x-xogħlijiet. Il-Konvenut hekk għamel u l-Attur aċċetta li jwettaq ix-xogħlijiet meħtieġa f'Ħaż-Żebbuġ bl-istess rati proposti minn Robert Lia. Jirriżulta li l-Attur eżegwixxa x-xogħlijiet rikjesti f'Ħaż-Żebbuġ u l-Konvenut kien ħallsu għas-saldu skont r-rati msemmija, wara li x-xogħol ġie mkejjel mis-Sur Robert Lia stess. Robert Lia ddeċieda li jkejjel dan ix-xogħol bla ħlas (ara xhieda Robert Lia a fol 109, 110, 120, 122).*

***9.** Meta kellu bżonn jerġa' jqabbad bennej sabiex iwettaq xogħlijiet, din id-darba, ġewwa ż-Żejtun, il-Konvenut reġa kkuntattja lil Robert Lia. Dan reġa' ssuġġerielu lill-Attur peress li għal darba oħra ma setax jaqdih fiż-żmien li xtaq il-Konvenut (ara xhieda Robert Lia a fol 111, 123). Il-Konvenut reġa' qabbad lill-Attur li reġa' aċċetta li jwettaq ix-xogħlijiet fiż-Żejtun bl-istess rati li tħallas bihom għax-xogħlijiet f'Ħaż-Żebbuġ, jiġifieri bir-rati oriġinarjament mifthema mas-Sur Lia (ara xhieda Robert Lia a fol 112, 125).*

***10.** Din il-verżjoni ta' kif ġraw l-affarijiet skont Robert Lia taqbel perfettament mal-verżjoni mogħtija mill-Attur Carmelo Vella fl-affidavit tiegħu (a fol 134). Fl-istess affidavit l-Attur Carmelo Vella żied jgħid li fuq talba tal-Konvenut stess kien aċċetta li jraħħaslu xi ftit ir-rati miftiehma, jiġifieri dawk ta' Ħaż-Żebbuġ, fuq ix-xogħol li jsir fuq il-kejl (a fol 136). L-Attur għadda lill-Konvenut ir-rati mraħħsa kif elenkati f'Dok D (a fol 155). Dawn ir-rati inkitbu minn mart l-Attur, ċjoè l-Attriċi, peress li żewġha ma jafx jikteb.*

***11.** Il-Konvenut min-naħa tiegħu jinsisti li dawn ir-rati ma kinux fil-fatt qablu fuqhom. Huwa ppreżenta Dok BDT (a fol 63) li juri l-istess rati elenkati f'Dok D preżentati mill-Attur (a fol 155). F'dok BDT preżentata mill-Konvenut hemm il-firma ta' Carmelo Vella u l-Konvenut stess u dikjarazzjoni miktuba mill-Konvenut li tgħid "il-prezzijiet mhux tajbin u jridu niftehmu fuqhom" (ara xhieda a fol 76 u kontro-eżami a fol 270). L-Attur min-naħa tiegħu jinsisti li meta huwa ffirma dan id-dokument "fl-ebda mument ma kien niżżel illi ma konniex qbilna fuq il-prezzijiet" (ara affidavit a fol 136).*

***12.** Fix-xhieda tiegħu l-Konvenut jgħid li r-rati miftehma fuq ix-xogħol li jitkejjel mhumiex dawk imniżżla f'Dok BDT iżda dawk ċertifikati mill-perit Robert Musumeci fid-dokumenti BDR1 sa BDR 20 (a fol 41 sa 60). Skont il-Konvenut, il-Perit Musumeci ġie mqabbad mill-'partijiet' "għall-konferma tal-kontijiet u ħlasijiet dovuti lir-rikorrent għax-xogħol magħmul u materjal supplit" fl-imsemmi fond taż-Żejtun (ara nota a fol 12 u risposta ġuramentata a fol 15 kif ukoll ix-xhieda ta' Brian Degiorgio a fol 71). Aktar tard, fix-xhieda tiegħu iżda l-Konvenut stqarr li l-perit ġie mqabbad minnu (ara xhieda a fol 80).*

***13.** Il-Konvenut jixhed li l-ħlas ta' xogħol li tkejjel u ġie ċertifikat mill-Perit Musumeci stess jammonta għal LM14,000 (ara xhieda a fol 70). Huwa jgħid li kien hu li dderiġa lil Perit Musumeci jikkalkula dan l-ammont fuq l-ongoing rates li skontu kienu miftehmin fuqhom hu u l-Attur (ara xhieda a fol 80):-*

> *«**Dr. Michael Grech**: Issa, il-perit, ir-rati tajtomlu inti jew inkella qabad u għażilhom il-perit stess.*
> ***Xhud**: Le, ir-rati ma tajtomlux jiena, jekk qed tirreferi fuq dokument, jiena għedtlu biex jitħallas skont il-on going rate, dik hi.»*
> *(ara wkoll kontroeżami a fol 287).*

***14**. Il-Konvenut jgħid li huwa ħallas lill-Atturi aktar minn dak ċertifikat mill-perit Robert Musumeci fl-imsemmija dokumenti BDR1 sa BDR 20 (ara nota a fol 12 u risposta ġuramentata a fol 15). Iżda aktar tard fix-xhieda tiegħu l-Konvenut jistqarr li għad baqa' bilanċ ta' LM4,470 x'jitħallas (ara xhieda a fol 72 u 73). Skontu, "Dan il-bilanċ fil-fatti mhumiex spejjeż li għamel is-sur Vella, huma biss bilanċ tal-VAT" (fol 72). Huwa spjega kif wasal għal din il-konklużjoni fix-xhieda tiegħu fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2007 (a fol 73). Fl-affidavit tiegħu (a fol 137), l-Attur isostni li, għalkemm ħallas lill-Perit ta' xogħlu, urieh li ma qabilx ma dawn ir-rati permezz tal-ittra datata 14 ta' Novembru 2006 (a fol 156). Il-Perit Musumeci ammetta dan fil-kontroeżami tiegħu (a fol 282).*

***15.** Fix-xhieda tiegħu l-Konvenut ikompli jispjega li ma' dawn ir-rati maħduma mill-perit Musumeci għandu jiżdied l-ammont ta' LM9,907.90c muri f'Dok BDS li ġie ppreżentat mill-konvenut (ara a fol 36 u xhieda a fol 68 u 69). Dan id-dokument ġie magħmul mill-Atturi. Fuq mistoqsija tal-Qorti l-Konvenut jikkonferma li din il-figura ġiet miftehma bejn l-attur u l-konvenut u li tirrappreżenta ħlas ta' xogħlijiet li ma jistgħux jiġu mitkejla, bħal twaqqigħ ta' ħajt u ftuħ ta' aperturi. Il-Konvenut jgħid ukoll li dan l-ammont jinkludi l-VAT.*

***16.** Min-naħa tiegħu l-Attur jinsisti li l-ftehim mal-Konvenut kien li jużaw l-istess rati li kienu użaw fil-post ta' Ħaż-Żebbuġ liema rati ma kinux jinkludu l-VAT (ara fol 134 u 135). Huwa ppreżenta wkoll Dok. B li fih hemm imniżżel b'mod dettaljat il-lista' ta' xogħlijiet li kellhom isiru bil-prezz korrispondenti ghall-istess, u liema xogħlijiet li ma ġewx imkejla mill-perit Musumeci (a fol 150). Dawn jammontaw għal LM9,997.90c. Il-Qorti tosserva li dan l-ammont huwa qrib ħafna tal-ammont ta' LM9,907.90 li jidher f'Dok BDS.*

***17.** Din il-Qorti għalhekk tikkonkludi li hemm qbil bejn il-partijiet li ġie fil-fatt miftiehem prezz għal ħlas ta' xogħlijiet li ma ġewx imkejla. Il-Qorti tqis li dan il-prezz miftiehem huwa dak indikat fid-dokument markat bħala BDS, preżentat mill-konvenut u li ġie preparat mill-atturi, ossia LM9,907.90c. Isegwi għalhekk li d-diverġenza li teżisti bejn il-partijiet tirrigwarda l-ftehim fuq ir-rati tax-xogħlijiet li ġew imkejla.*

***18.*** *Din il-Qorti trid għalhekk tiddetermina liema verżjoni għandha tqis bħala l-iktar verosimili. F'sitwazzjoni simili, l-ermenewtika ġurisprudenzjali tagħna armat lill-Ġudikant li jiġi imsejjaħ biex jagħmel il-valutazzjoni tiegħu meta rinfaċċjat b'versjonijiet kunfliġġenti bis-segwenti prinċipji:-*

*«Hu paċifikament akkolt fil-ġurisprudenza tagħna li l-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibbiltajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet* **(*Eucaristico Zammit v. Eustrachio Petrococchino, Appell Kummerċ, 25 ta' Frar 1952; Paul Vassallo v. Carmelo Pace, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu 1986*)***. Il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Ġunju, 2003, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Middle Sea Insurance p.l.c. noe v. Victor Sammut*** *irreteniet illi: «F'każ ta' kunflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabbiltajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-kunflitt ta' verżjonijiet li jeżisti f'din il-kawża għandu jiġi eżaminat liema waħda mit-teżijiet kunfliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi eżaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli»* (Ara wkoll ***Carmelo Farrugia v. Rokku Farrugia,*** *P.A., 24.11.1966 per Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran u kif ukoll* ***Dr. Elizabeth Vella M.D. v. Bieb Bieb Limited et****. P.A., 09.12.2011). Għalhekk il-Qorti ser tagħmel apprezzament tal-provi li għandha quddiemha fid-dawl ta' dawn il-prinċipji stabbiliti minn dawn il-Qrati, fost oħrajn dawk ċitati.*

***19.*** *Il-Konvenut Brian Degiorgio jsostni li huwa ħallas lill-attur is-somma ta' LM19,125 permezz ta' ċekkijiet ippreżentati a fol 20 sa 35 (ara xhieda a fol 67). Min-naħa tiegħu, Carmelo Vella jindika li l-ħlasijiet li għamel Brian Degiorgio jammontaw għal LM21,125 (ara affidavit a fol 135). Huwa preżenta elenku ta' ħlasijiet (ara Dok. C a fol 154). Din il-Qorti qabblet in-numru, id-data u l-ammont taċ-ċekkijiet imniżżlin f'dan l-elenklu, man-numru, id-data u l-ammont taċ-ċekkijiet preżentati mill-konvenut bħala Dok BDA sa Dok BDQ (a fol 20 sa 35). Minn dan l-eżami komparattiv jirriżulta li fl-elenku tagħhom l-Atturi niżżlu fedelment iċ-ċekkijiet kollha li ġew preżentati mill-Konvenut għajr wieħed bin-numru 000705 datat 31 ta' Jannar 2006 bl-ammont ta' LM500 (a fol 34). Iżda f'dan l-istess elenku l-Atturi niżżlu tliet ċekkijiet li l-Konvenut min-naħa tiegħu ma ppreżentax. Dawn huma, ċekk datat 16 ta' Novembru 2005 b'ammont ta' LM1,000, ċekk datat 1 ta' Diċembru 2005 b'ammont ta' LM1,000 u ċekk datat 2 ta' Frar 2006 bl-ammont ta' Lm500.*

***20.*** *Minn dan isegwi li l-Atturi qed jiddikjaraw li rċevew mingħand il-Konvenut ħlasijiet akbar minn dak li l-Konvenut stess qed jgħid li ħallas*

*lill-Atturi. Dan, flimkien mal-fatt, li l-verżjoni tal-Attur taqbel ma dik ta' Robert Lia u l-fatt li l-Konvenut għażel li ma jressaqx lill-atturi għal kontroeżami fuq dak sostnut minnhom fl-affidavit. Dawn iċ-ċirkostanzi jsaħħu l-fehma tal-Qorti li għandha tippresta affidabbiltà għall-verżjoni tal-Atturi. Dan qiegħed jingħad ukoll anke fid-dawl tal-eċċezzjonijiet mogħtija mill-Konvenut li għal darba darbtejn għid, li mhux biss ħallas għas-saldu iżda ħallas aktar! (ara eċċezzjoni numru 3 u 5 a fol 15). B'dak li ser jingħad aktar 'l isfel jirrisulta b'mod manifest li dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet huma 'l bogħod ħafna mill-verità.*

***21**. Il-Qorti hija moralment konvinta li l-verżjoni mogħtija mill-Atturi hija waħda li tirrifletti l-verità tal-fatti, anke fid-dawl tal-verżjoni pjuttost konfuża u kontradittorja tal-Konvenut (ara f'dan ir-rigward is-sunti ta' xhieda tal-Konvenut imressqa mill-attur fin-nota tiegħu a fol 396). Il-Qorti tkompli ssaħħaħ din il-konvinzjoni mid-dikjarazzjoni ta' Robert Lia li żgur ma kienx ser iżomm inqas mir-rati ta' Ħaż-Żebbuġ li kieku aċċetta l-inkarigu li jeżegwixi x-xogħlijiet fiż-Żejtun (ara xhieda a fol 129). Ir-rati stabbiliti mill-Perit Musumeci huma definittivament inqas mir-rati ta' Robert Lia, li kien l-ewwel preferenza tal-konvenut sabiex jagħmel ix-xogħlijiet, kemm f'Ħaż-Żebbuġ kif ukoll iż-Żejtun.*

***22.** Din il-Qorti m'għandhiex dubbju għalhekk, li r-rati miftiehma bejn il-partijiet għax-xogħlijiet li ġew imkejla, huma l-istess rati li kienu ser ikunu applikabbli għax-xogħlijiet li ġew eżegwiti f'Ħaż-Żebbuġ u ċjoè, ir-rati oriġinarjament stabbiliti minn Robert Lia. L-Attur għoġbu, fuq talba tal-Konvenut, inaqqas dawk ir-rati għal dawk imniżżla f'Dok BDT u Dok D (a fol 63 u a fol 155 rispettivament) iżda ma kienx dispost li jnaqqas iżjed minn hekk tant li oppona r-rati stabbiliti mill-Perit Musumeci u dan kif informa lill-istess perit fl-ittra fuq imsemmija.*

***23.** Isegwi, li r-rati applikabbli għal dak ix-xogħol li ġie imkejjel sabiex jiġi determinat il-bilanċ dovut mill-Konvenut huma dawk elenkati f'dok BDT u Dok D. Dan ifisser li din il-Qorti ma għandiex għalfejn tidħol fil-mertu ta' jekk ir-rati tal-perit Musumeci kienux baxxi jew le ġaladarba qal x'qal dan il-Perit ma kinux dawn ir-rati li ġew miftehma bejn il-partijiet. Għal din ir-raġuni l-Qorti ma hiex se tieħu għal kollox in konsiderazzjoni r-relazzjoni tal-espert maħtur minnha permezz tal-verbal a fol 304.*

***24.** Għalkemm l-ammont li wasal għalih il-Perit tal-Qorti huwa bejn wieħed u ieħor simili għal dak li qed jintalab mill-Atturi, il-Qorti għamlet l-analiżi probatorji tagħha minn ottika kemmxejn differenti kwantu jirrigwarda l-konteġġi ta' bejn il-partijiet u kif ukoll il-kwistjoni tal-Vat u dan kif ser jingħad aktar 'l isfel. Il-Qorti tfakkar, li skont artiklu 681 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ma hiex tenuta li tabbraċċja b'għajnejha magħluqa l-konklużjonijiet tal-Perit minnha maħtur (Ara **Sentenza tal-20 ta' April, 2010 fl-ismijiet Dominic Farrugia u Mary Rose Mizzi -vs- Joseph u Katie konjugi Muscat u Anthony Farrugia tal-Prim Awla Qorti Ċivili**). Din il-Qorti ssostni, li dan japplika kemm għar-rifjut in toto jew in parte tal-konklużjonijiet peritali.*

***25**. Di fatti, din il-Qorti hija konvinta, li kuntrarjament għall-konklużjoni li wasal għaliha il-Perit tekniku, li r-rati miftiehma, kemm għax-xogħlijiet li ġew imkejla, kif ukoll għax-xogħlijiet li ma ġewx, ma kinux jinkludu l-VAT. Dan joħroġ evidenti mix-xhieda ta' Robert Lia kif suffragata mill-Attur fl-affidavit tiegħu fejn ġie dikjarat iktar minn darba, li r-rati stabbiliti minnu għax-xogħol li kien se jagħmel f'Ħaż-Żebbuġ jeskludu l-Vat. Huwa diffiċli għal din il-Qorti temmen li l-Konvenut qagħad jinsisti fuq il-VAT speċjalment meta jitqies il-fatt li l-proprjetà fiż-Żejtun fejn ġew eżegwiti x-xogħlijiet hija tal-Konvenut u li għaldaqstant ix-xogħol sar għal benefiċċju tal-Konvenut stess (ara affidavit a fol 139 u 140).*

***26.** Il-Qorti tikkonkludi għalhekk, li l-ammont globali tax-xogħlijiet eżegwiti mill-Attur fil-proprjetà taż-Żejtun huwa l-ammont dovut għax-xogħlijiet li ma ġewx imkejla (Dok BDS a fol 36), jiġifieri, LM9,907.90 magħdud l-ammont dovut għax-xogħolijiet li ġew imkejla skont ir-rati stabbiliti f'Dok BDT a fol 63, jiġifieri LM17,393 (ara Dok G anness mal-affidavit tal-Attur). Isegwi li l-ammont globali huwa LM27,300.90c. Minn dan l-ammont irid jitnaqqas il-ħlasijiet ġa effettwati mill-Konvenut u ċjoè ta' LM21,125 magħdud il-LM500 ħlas li sar permezz ta' ċekk numru 000705 datat 31 ta' Jannar 2006 (a fol 34) li ma ġiex imniżżel mill-atturi f'Dok. C (a fol 154). Għalhekk isegwi li l-ammont ta' ħlasijiet effettwati huwa ta' LM21,625.*

***27.** Jirriżulta għalhekk li l-bilanċ dovut għax-xogħlijiet eżegwiti mill-attur fiż-Żejtun huwa ta' **LM5,675.90** (LM27,300.90-LM21,625).*

*<u>Ix-xogħol eżegwit f'fond il-Madliena, proprjetà ta' Estelle Ripard</u>*

***28.** Dwar ix-xogħol eżegwit fil-fond tal-Madliena, il-Konvenut insista li huwa ħallas lill-attur per saldu u li l-istess attur aċċetta dan il-ħlas. Fix-xhieda tiegħu a fol 85 il-Konvenut innega li huwa ħallas lill-Attur xi pagamenti akkont fuq ix-xogħol li sar fil-Madliena. Anzi insista li qatt ma kien involut f'xi ħlasijiet għal dawn ix-xogħlijiet (a fol 85). Min-naħa l-oħra, ix-xhieda tiegħu hija kontradetta mhux biss mill-Attur iżda kif ukoll mix-xhieda ta' Estelle Ripard stess. Din iddikjarat li hija effettwat il-pagamenti lill-Konvenut (ara xhieda a fol 242):*

> *«**Dr. Michael Grech**: Issa, il-ħlas għal dawn ix-xogħlijiet, inti għamilt xi forma ta' ħlas lil xi ħadd, jekk għamilt kemm għamilt ħlas u lil min jekk jogħġbok?*
>
> ***Xhud:** Jiena minħabba li qabbadt lil Brian Degiorgio, lil Brian Degiorio ħallast;» ( ara wkoll xhieda a fol 250 u 251).*

***29.** L-ammont ta' ħlas li ġie fil-fatt effettwat lill-Konvenut għax-xogħlijiet eżegwiti mill-Attur huwa magħruf u jirriżulta mid-dokument ER1 preżentat mis-sinjura Ripard flimkien mal-mamma taċ-ċekkijiet. Joħroġ minn dan id-dokument, li għax-xogħlijiet li ġew eżegwiti mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut, Estelle Ripard ħallset lill-Konvenut l-ammont ta' LM894.74 permezz ta' żewġ ċekkijiet. Biċ-ċekk numru 30 datat 24 ta' Marzu 2006 hija ħallset lill-Konvenut l-ammont ta' LM500 u biċ-ċekk*

*numru 32 datat 17 ta' Mejju 2006, ħallsitu l-kumplament, jiġifieri LM394.74. Isegwi għalhekk, li l-kont ta' LM1,023 indikat f'Dok I (a fol 62) li l-attur jgħid li ħareġ abbażi tar-rati miftehma mal-Konvenut ndikati f'Dok H (a fol 61), huwa akbar minn kemm effettivament rċieva l-Konvenut minghand Estelle Ripard.*

***30.** Ladarba huwa magħruf l-ammont ta' ħlas li ġie fil-fatt effettwat lill-Konvenut għax-xogħlijiet eżegwiti mill-Attur, ma hemmx ħtieġa għal din il-Qorti li tqis x'irrelata l-perit maħtur minnha dwar dokumenti "H" u "I" f'pagni 161 u 162 (ara fol 320). Dan għaliex dak li din il-Qorti tara li għandha tagħmel huwa li tnaqqas il-prezz dovut lill-Attur għal dak l-ammont li effettivament tħallas lill-Konvenut, jiġifieri LM894.74. Skont l-Attur stess, il-Konvenut diġa` ħallas lill-Attur pagament ta' LM400. Isegwi li l-bilanċ dovut mill-Konvenut huwa ta' LM494.74 (LM894.74-LM400).*

*Jirriżulta għalhekk li l-bilanċ globali għax-xogħlijiet eżegwiti mill-attur fuq inkarigu tal-Konvenut fiż-Żejtun u l-Madliena jammonta għal LM6,170.64 (LM5,675.90+LM494.74) ekwivalenti għal €14,373.72 eskluż il-Vat.»*

13. Il-konvenut Brian Degiorgio appella minn din is-sentenza b'rikors tal-5 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tnaqqas is-somma dovuta lill-atturi għal dik ta' Lm4,470 bil-VAT inkluż u bl-imgħax jitlaq mid-data tas-sentenza finali.

14. L-atturi appellati wieġbu permezz tat-tweġiba tagħhom tat-30 ta' Lulju, 2019, fejn hemm fissru għala fil-fehma tagħhom l-appell tal-konvenut appellant għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż.

15. Inżamm smigħ fil-25 ta' April, 2024, li għalih dehru l-avukati tal-partijiet u minn hemmhekk l-appell tħalla għas-sentenza għal-lum.

16. Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Konsiderazzjonijiet:**

17. L-appell tal-konvenut appellant jissejjes fuq żewġ aggravji ewlenin, jiġifieri: (i) l-ammont ordnat mill-Ewwel Qorti bħala dovut huwa żbaljat peress li (a) il-*quantum* għax-xogħlijiet kien ħażin u dan peress li qatt ma kien hemm qbil fuq ir-rati applikabbli bejn il-partijiet; u (b) il-*quantum* maqbul kellu l-VAT inkluż u allura l-Ewwel Qorti ma setgħetx iżżid il-VAT fuq is-somma; u (ii) id-dewmien esaġerat fil-kawża wassal sabiex meta l-Ewwel Qorti imponiet il-ħlas tal-imgħax legali mid-data ta' meta tressqet il-kawża, l-imgħax ġie jiżboq. Jgħid li dan wassal għal stagħnar mill-attur li mhuwiex ġust fil-konfront tiegħu, u li hu ġie penalizzat minħabba nuqqasijiet fis-sistema ġudizzjarja peress li l-kawża damet għal aktar minn sitt snin għas-sentenza quddiem l-Ewwel Qorti.

18. Nibdew bl-**<u>ewwel aggravju tal-konvenut appellant</u>**, li għalkemm jingħata titlu ġenerali fis-sens li l-ammont ordnat mill-Ewwel Qorti huwa wieħed żbaljat, fil-verità fih jitqajmu diversi punti. L-ewwel punt li jitqajjem mill-konvenut huwa li qatt ma kien hemm qbil fuq ir-rati applikabbli bejn il-partijiet. Filwaqt li l-appellant jagħraf li l-partijiet kellhom bejniethom ftehim dwar dak li jissejjaħ bħala *lump sum payment,* għax-xogħol li sar mill-attur li ma kienx suġġett għall-kejl, jisħaq li ma kienx hemm qbil fuq ir-rati għax-xogħol li kien suġġett għall-kejl.

19. Il-konvenut appellant jagħmel enfasi fuq id-dokument ippreżentat minnu bħala Dok. BDT, iffirmat mill-partijiet fejn hemm miktub li l-prezzijiet mhumiex tajbin u li jridu jiftehmu fuqhom – dikjarazzjoni ċara li tixhed in-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet dwar ir-rati applikabbli għax-xogħol imwettaq mill-attur. Jilmenta li l-Ewwel Qorti warrbet din l-iskrittura għalkollox. L-appellant jagħmel referenza għall-ġurisprudenza dwar il-materja ta' *pacta sunt servanda* sabiex jisħaq li l-Ewwel Qorti warrbet din il-prova, li minnha jirriżulta li ftehim bejn il-partijiet kien li qbil fuq ir-rati applikabbli qatt ma kien hemm.

20. L-appellant isostni li l-fatt li ma kienx hemm qbil fuq ir-rati jirriżulta wkoll mill-fatt li huwa ħatar lill-Perit Robert Musumeci u dan bil-kunsens tal-attur, sabiex jagħti valur għax-xogħol li sar skont ir-rati applikabbli u allura l-ammont li huwa dovut. Jinsisti li r-rati li ngħataw mill-perit Musumeci ma kinux maħluqa minnu iżda rati stabbiliti mill-istess perit. Jixli l-aġir tal-attur bħala wieħed suspettuż, hekk kif minkejja li jingħad minnu li ma jaqbilx mar-rati tal-perit, huwa ħallas lill-istess perit. Dan meta l-istess perit kellu interess li japplika rati kemxejn għoljin u mhux baxxi, ladarba l-miżata tiegħu tiġi kalkulata bħala perċentwal fuq ix-xogħol imkejjel. Il-konvenut appellant isostni li l-pagament bla kundizzjoni tal-miżata tal-perit għall-ħruġ tal-kont min-naħa tal-attur, iservi bħala qbil mal-istess kont, għar-rati stabbiliti u għall-inkarigu tal-perit innifsu u għalhekk it-tibdil fil-ħsieb min-naħa tal-attur ma jiswiex. Il-konvenut isostni wkoll li ladarba huwa beda jħallas skont il-kont tal-perit Musumeci, liema

ħlas kien aċċettat mill-attur, għalhekk ukoll, l-attur aċċettah u qagħad għalih, peress li kieku l-attur ried jikkontesta r-rati stabbiliti mill-perit ma kienx jaċċetta tali ħlas.

21. Il-konvenut appellant jgħid ukoll li wara li l-perit maħtur mill-Ewwel Qorti sab kalkolu żbaljat fil-kont tal-perit Musumeci, huwa aċċetta li kien għad fadal bilanċ ta' Lm4,470, li jirrappreżenta l-VAT dovut fuq ix-xogħlijiet magħmula. Fid-dawl ta' dan, il-konvenut ammetta li kellu jħallas din is-somma ta' Lm4,470 rappreżentanti l-VAT lill-attur sabiex dan jitħallas għas-saldu.

22. It-tieni punt imqanqal taħt l-ewwel aggravju mill-konvenut appellant huwa li l-*quantum* maqbul kellu l-VAT inkluż u allura l-Qorti ma setgħetx raġonevolment iżżid il-VAT fuq is-somma. Skont il-konvenut appellant, l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li s-somma dovuta lill-attur ta' €14,373.72, teskludi l-VAT. Filwaqt li l-Ewwel Qorti straħet fuq il-fatt li fil-każ tar-rati applikati għax-xogħlijiet f'Ħaż-Żebbuġ, ma kinux jinkludu l-VAT, madankollu huwa dejjem insista li kull prezz kellu jinkludi l-VAT.

23. Il-konvenut jistaqsi kif l-Ewwel Qorti ħatret espert tagħha sabiex imbagħad warrbet l-opinjoni professjonali tiegħu fuq ir-rati applikabbli mingħajr ma tat raġuni tajba għaliex skartat l-opinjoni tal-perit tekniku li kien midħla tal-industrija, tal-operaturi tagħha, tar-rati applikabbli u jekk dawn jinkludux il-VAT jew le. Barra minn hekk, il-konvenut appellant

jistaqsi fuq liema bażi l-Ewwel Qorti ma emmnitux li huwa kien jinsisti fuq il-VAT, meta l-irċevuti tal-VAT huma prova tan-nefqa meħtieġa minħabba benefiċċji fiskali li huwa seta' jipprevalixxi ruħu minnhom. Jilmenta li l-Ewwel Qorti warrbet kemm l-opinjoni ta' żewġ periti, kif ukoll il-verżjoni tiegħu u għażlet li toqgħod fuq il-verżjoni tal-attur, fis-sens li kellhom japplikaw ir-rati li kienu ġew applikati fuq proprjetà f'Ħaż-Żebbuġ, liema rati ma kinux jinkludu l-VAT. Agħar minn hekk jgħid li l-Ewwel Qorti warrbet il-prinċipju legali li kull stima għandha tinkludi l-VAT (skont l-**Artikolu 49 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud**).

24. Il-konvenut appellant jistaqsi kif l-attur ressaq it-talbiet tiegħu għall-ħlas ta' bilanċ ta' Lm6,888.40 (u allura l-preżunzjoni hija li dan l-ammont kien jinkludi l-VAT) iżda wara ddikjara bil-ġurament li ma tinkludix VAT. In-nuqqas tal-attur li jinkludi l-VAT fuq is-somma mitluba minnu jwassal għall-mistoqsija dwar jekk l-attur għandux l-intenzjoni li jħallas il-VAT dovut. Dan meta l-VAT huwa taxxa li min-natura tagħha hija ta' ordni pubbliku. In-nuqqas tal-attur li jinkludi l-ħlas tal-VAT mat-talbiet tiegħu fir-rikors promotur, juri li huwa qatt ma kellu l-ħsieb li jħallas it-taxxa fuq il-valur miżjud. Il-konvenut appellant jisħaq li għal dan il-fatt illeċitu, huwa m'għandux ibati l-konsegwenzi li jħallas ukoll 18% iktar fuq is-somma allegatament dovuta, meta l-VAT kellu jiżdied mill-bidu nett u l-attur m'għandux isib suffraġju mill-Qorti għall-att illeċitu tiegħu. Għalhekk il-konvenut appellant jinsisti li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-bilanċ dovut minnu ta' €14,373.72 kienet teskludi l-VAT. Jekk il-Qorti qieset li

kellhom japplikaw l-istess rati bħal ta' Ħaż-Żebbuġ, allura kellhom jitqiesu li jinkludu l-VAT. Dan wara kollox, jaqbel ma' dak li ngħad mill-periti Musumeci u Cassar, fejn ikkonfermaw li meta jiġu stabbiliti r-rati, dawn għandhom jinkludu l-VAT. Minbarra li l-Ewwel Qorti warrbet l-opinjoni tal-espert maħtur minnha, agħar minn hekk, ordnat lill-intimat iħallas somma li ma tinkludix il-VAT.

25. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li mhuwiex siewi dak li jingħad mill-atturi appellati fir-risposta tal-appell tagħhom, meta jgħidu li l-Qorti tal-Appell ma tistax twarrab id-diskrezzjoni mwettqa mill-Ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi. Wara kollox, il-Qorti fil-grad ta' appell għandha awtonomija sħiħa fl-għarbiel tal-provi u hija mogħnija bis-setgħa li tinterpreta l-fatti b'mod differenti minn kif tkun fehmithom il-Qorti tal-ewwel grad u kif ukoll li tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat. Tassew f'sistema legali bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk hija ma tagħmilx għarbiel tal-fatti b'mod indipendenti mill-Ewwel Qorti (ara ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018, ***Joseph Grech et v. Nazzareno Grech*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023 u ***Charlene Musù v. Elton Mangion*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2023).

26. Magħluqa din il-kwistjoni, imiss li jiġu ndirizzati l-punti mqanqla mill-konvenut appellant taħt l-ewwel aggravju tiegħu. Il-kwistjoni ewlenija f'dan l-aggravju hija proprju jekk kienx intlaħaq ftehim bejn il-partijiet fil-kawża dwar ir-rati li fuqhom kellu jitħallas l-attur appellat għall-appalt imwettaq minnu. L-Ewwel Qorti kellha quddiemha żewġ verżjonijiet kunfliġġenti, hekk kif l-attur xehed li wara li kien wettaq xi xogħlijiet lill-konvenut f'Ħaż-Żebbuġ, ġie avviċinat mill-konvenut sabiex jagħmillu xi xogħlijiet oħra, din id-darba fiż-Żejtun, b'dan illi l-ftehim kien li jitħallas bl-istess rati li kien tħallas bihom fuq ix-xogħol f'Ħaż-Żebbuġ (ara paġna 135 tal-proċess). Min-naħa l-oħra, il-konvenut fil-kontroeżami xehed li mhuwiex minnu li qabel inbeda x-xogħol iż-Żejtun, il-ftehim kien li jintużaw l-istess rati li ntużaw f'Ħaż-Żebbuġ (ara paġna 76 tal-proċess).

27. Minn qari tas-sentenza appellata, jirriżulta li l-Ewwel Qorti, wara li siltet numru ta' prinċipji applikabbli f'każijiet simili, għaddiet sabiex qieset li l-verżjoni tal-atturi kienet l-aktar waħda li tirrifletti l-verità tal-fatti. Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti, fid-dawl tal-fatt li:

(i) Ma sar l-ebda kontroeżami ta' dak li xehed l-attur. Dan il-fatt idgħajjef l-aggravju tal-konvenut appellant (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ġunju, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Camilleri et v. Albert Camilleri***). Hemm ingħad li għalkemm m'għandu jkun hemm l-ebda preżunzjoni li n-nuqqas ta' mistoqsijiet f'kontroeżami hi tifsira awtomatika jew impliċita ta' qbil ma' dak li sostna x-xhud waqt l-

eżami (*examination-in-chief*) tiegħu, peress li l-prinċipju ta' *chi tace, acconsente* mhux ir-regola, iżda l-eċċezzjoni, huwa minnu li n-nuqqas li jseħħ kontroeżami, għandu jittieħed fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u tal-provi kollha fl-atti. Fl-aħħar mill-aħħar, huwa meħtieġ li Qorti tara jekk verżjoni waħda teskludix lil oħra, fuq bilanċ ta' probabbiltajiet. Għalhekk l-evalwazzjoni tal-provi min-naħa tal-Qorti f'każ ta' kunflitt bejn verżjonijiet differenti, huwa li tiddeċiedi fuq bilanċ ta' probabbiltajiet u l-verosimiljanza tal-provi u li fin-nuqqas biss, għandu jiġi applikat il-prinċipju ta' *actore non probante reus absolvitur (*ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Ottubru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Anvil Limited v. Ta' Giorni Limited***). Tabilħaqq fil-każijiet fejn il-Qorti tkun mħabbta bi provi kunfliġġenti, il-Qorti għandha tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra (ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Lorraine Pace Bonello et v. Carmelo Micallef et***).

(ii) Il-verżjoni tal-attur kienet konsistenti ma' dik mogħtija minn Robert Lia, xhud indipendenti u appaltatur, li l-ewwel kien avviċinat minn sieħeb il-konvenut sabiex iwettaq xogħlijiet fuq proprjetà f'Ħaż-Żebbuġ fil-bidu tas-sena 2004, fejn ix-xogħol twettaq skont ir-rati stabbiliti minn Lia fl-aħħar tas-sena 2003 (ara Dok. RL1 f'paġna 105 tal-proċess) li wara l-attur tħallas fuqhom, skont il-kejl li wettaq Lia (ara paġna 110 tal-proċess). Lia kien avviċinat ukoll mill-istess konvenut għall-proprjetà fiż-Żejtun, li

peress li ma setax jidħol għall-imsemmi xogħol fiż-żmien mitlub mill-konvenut, saret referenza għall-attur li ftit jiem wara informa lil Lia li ħa x-xogħol taż-Żejtun bl-istess prezzijiet ta' Ħaż-Żebbuġ (ara paġni 112 u 125 tal-proċess). Lia xehed ukoll li kieku kien ser iżomm ix-xogħol taż-Żejtun, li sar madwar tliet snin wara dak ta' Ħaż-Żebbuġ, huwa aktarx kien iżomm l-istess prezzijiet, iżda żgur li mhux b'inqas (ara paġni 127 sa 129 tal-proċess) peress li għalkemm fi tliet snin il-pagi baqgħu l-istess, aktarx li l-prezz tal-materjal ikun żdied.

(iii) Il-verżjoni tal-attur hija meqjusa bħala waħda ta' min wieħed jista' joqgħod fuqha, hekk kif kien iżomm rendikont dettaljat tax-xogħol kollu imwettaq minnu ġurnata b'ġurnata fuq il-lant tax-xogħol (ara Dok. A f'paġna 143 tal-proċess) saħansitra ressaq prova li kien fil-fatt tħallas aktar minn dak l-ammont li l-konvenut ressaq bħala prova ta' ħlas (Dok. C f'paġna 154 tal-proċess), kif ukoll ammetta li meta ressaq il-kont għax-xogħol fiż-Żejtun, skont ir-rati ta' Ħaż-Żebbuġ u l-konvenut ilmenta dwar ir-rati għoljin, aċċetta li jirrevedi r-rati fid-dawl tal-fatt li kien ingħata kwantità ta' xogħol fiż-Żejtun (ara Dok. D f'paġna155 tal-proċess).

(iv) Il-konvenut kien ressaq verżjonijiet kontradittorji fuq numru ta' affarijiet. Hekk kif pereżempju, fir-risposta ġuramentata l-konvenut isostni li ħallas kollox għas-saldu u li l-attur saħansitra tħallas aktar milli suppost, sabiex imbagħad fix-xhieda tiegħu sostna li kien għad fadal bilanċ dovut lill-attur fl-ammont ta' Lm4,470, li jirrappreżenta l-VAT dovut (ara paġna 72 tal-proċess) u dan wara li ħareġ id-differenza bejn dak li jirriżulta mill-

kont tal-perit Musumeci u dak li kien ħallas. Ta' min jinnota li l-kont tal-perit Musumeci (Dok. BDR1 f'paġna 41 tal-proċess) inħareġ fid-19 ta' Lulju, 2006, li jfisser li meta wieġeb għall-pretensjonijiet tal-attur, li ħallas kollox anzi ż-żejjed, dawn il-figuri kienu f'idejn il-konvenut. Issa fir-rikors tal-appell saħansitra jingħad li l-konvenut appellant jaċċetta li hemm dan il-bilanċ ta' Lm4,470 peress li l-perit tal-Qorti sab dan il-kalkolu żbaljat fil-kont tal-perit Musumeci! Huwa ta' għajb li l-verżjoni tal-konvenut tinbidel kull tant żmien. Hekk ukoll, kif ġustament osservat mill-Ewwel Qorti, filwaqt li fit-tweġiba ġuramentata tiegħu jingħad mill-konvenut li l-appalt imwettaq mill-attur, kien xogħol ta' kwalità inferjuri, xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa u l-arti, fil-mori tal-kawża ma tressqu l-ebda provi f'dan is-sens!

28. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti, wara li rat mill-ġdid il-provi mressqa fl-atti, ma ssib xejn x'tiċċensura fir-raġunament tal-Ewwel Qorti. Barra minn hekk, din il-Qorti ssibha diffiċli li temmen lill-konvenut appellant, li huwa qabbad lill-attur bl-inkarigu tal-appalt mdaqqas fiż-Żejtun, mingħajr ma sar diskors dwar rati ta' ħlas. Għalkemm l-appalt taż-Żejtun huwa separat mill-appalt ta' Ħaż-Żebbuġ, u allura kien obbligu tal-attur li jipprova li, «***l-intenzjoni taż-żewġ partijiet kienet li għat-tieni appalt jitħallas bl-istess mod kif sar fl-ewwel appalt»*** (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta` Frar, 2004, fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Camilleri et vs Charles Farrugia noe*)**, din il-Qorti tinsab

konvinta li l-verżjoni tal-attur hija waħda li ta' min wieħed joqgħod fuqha. Dan jingħad ukoll, minħabba l-fatt li jidher li wara li tlesta x-xogħol fil-pjan terran, huwa paċifiku bejn il-kontendenti fil-kawża, li l-konvenut aċċetta l-kont għax-xogħlijiet li twettqu fil-pjan terran, li għalihom l-attur tħallas somma sħiħa (ara xhieda tal-attur f'paġna 136 tal-proċess, kif ukoll ix-xhieda tal-konvenut f'paġna 68 tal-proċess). Ma ninsewx hawnhekk li x-xogħol kien twettaq fuq binja antika u kien jikkonsisti f'diversi xogħlijiet partikolari (ara wkoll xhieda tal-perit Musumeci f'paġna 90 tal-proċess) u d-diverġenza jidher li nqalgħet fuq ix-xogħlijiet li saru fl-ewwel sular tal-binja.

29. B'żieda ma' dan, lanqas jista' jingħad li din il-Qorti taqbel mar-raġunamemt tal-konvenut dwar id-dokument li suppost jixhed in-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet fil-kawża dwar ir-rati għall-appalt. Jirriżulta li l-attur ħejja tabella ta' rati riveduti wara li l-konvenut ilmenta dwar il-prezz għoli (ara Dok. D f'paġna155 tal-proċess). Il-konvenut ingħata kopja tal-istess tabella (esebita minnu bħala Dok. BDT f'paġna 63 tal-proċess). Filwaqt li l-attur jikkonċedi li l-konvenut baqa' m'aċċettax dawn ir-rati riveduti, jiċħad li huwa kiteb is-sentenza fl-aħħar tad-dokument BDT fis-sens illi, «*il-prezzijiet mhux tajbin u jridu niftehmu fuqhom*», hekk kif fisser li huwa ma jafx jikteb, tant li l-kitba kollha marbuta max-xogħol kienet tagħmilha martu. Għalkemm il-konvenut jinsisti li kien hemm qbil dwar in-nuqqas ta' ftehim dwar ir-rati u dan kif jixhed id-dokument BDT, u jilmenta

li dan id-dokument twarrab mill-Ewwel Qorti, l-attur, jisħaq li dawn il-kliem ma tniżżlux meta huwa u l-konvenut iffirmaw il-karta, iżda wara. Għal darb'oħra, din il-Qorti tasal li tqis aktar ta' min joqgħod fuqha l-verżjoni tal-attur, peress li ma jagħmilx sens li l-attur jipprepara tabella ta' rati riveduti li fuqhom kellu jsir il-ħlas, sabiex imbagħad jiffirma dokument fejn jingħad li hemm qbil li dawk ir-rati mhumiex tajbin! F'dan il-każ ma japplikax il-prinċipju ta' *pacta sunt servanda,* hekk kif il-konvenut ma rnexxilux jikkonvinċi la lil din il-Qorti u lanqas lill-Qorti ta' qabilha, li l-partijiet ftiehmu bil-miktub li qatt ma kien hemm qbil fuq ir-rati mressqa mill-attur. Il-fatt li l-partijiet ftiehmu u qablu fuq il-ħlas tax-xogħlijiet li twettqu fil-pjan terran, huwa fih innifsu prova li dan l-argument tal-konvenut appellant ma jreġix.

30. Sa fejn il-konvenut appellant jinvoka l-inkarigu li twettaq mill-perit Robert Musumeci, tajjeb li jingħad li l-inkarigu lill-perit Musumeci li jkejjel ix-xogħol (fuq l-ewwel sular) ingħata lilu mill-konvenut. Għal darb'oħra l-konvenut inqabad f'inkonsistenza fix-xhieda tiegħu hekk kif l-ewwel qal li hu u l-attur kienu miftehmin li jqabbad lill-perit (ara paġna 71 tal-proċess) iżda mbagħad taħt kontroeżami aċċetta li l-perit tqabbad minnu (ara paġna 80 tal-proċess). Il-perit Musumeci xehed li fid-dawl ta' nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet dwar il-ħlas dovut għax-xogħol li sar fuq l-ewwel sular, kellu pressjoni sabiex wara li aċċeda fuq il-post u ħa l-kejl, huwa joħroġ kont skont ir-rati msejħa "*ongoing rates*" li deherlu li kienu

raġonevoli sabiex dan id-dokument iservi bħala bażi ta' diskussjoni, iżda ħadd mill-partijiet ma kellmu fuq il-kont maħruġ minnu.

31. Huwa minnu li l-perit Musumeci tħallas il-perċentwal ta' 1% fuq il-valur totali tal-kejl aħħari, minn kull parti. Iżda kuntrarjament għal dak li jingħad mill-konvenut appellant, mhuwiex minnu li l-attur ħallas dan il-kont mingħajr sinjal li kien qiegħed joġġezzjona għall-kont maħruġ mill-perit Musumeci. Tant hu hekk li, meta l-attur ħareġ il-pagament lill-perit, huwa bagħat ittra (ara Dok. E f'paġna 156 tal-proċess) fis-sens li: «*Dan il-ħlas qiegħed isir mingħajr ma qiegħed naċċetta r-rati li inti ħriġt relattiv għax-xogħol li sar lis-Sur Brian Degiorgio liema xogħol għadu sal-lum ma tħallasx. Kif diġà kont għidtlek, jiena ma qbiltx mar-rati li inti għamilt, peress li jiena kont ħdimt fuq bini antik mentri int għamilt rati qisni bnejt xogħol kollu ġdid*» (Sottolinjar ta' din il-Qorti). Għal darb'oħra, l-argument tal-appellant li l-aġir tal-attur kien suspettuż meta ħallas lill-perit mingħajr kontestazzjoni ma jreġix. Lanqas jirriżulta li l-konvenut kien qiegħed iħallas skont il-kont tal-perit Musumeci maħruġ fid-19 ta' Lulju, 2006, meta fil-fatt il-pagamenti akkont maħruġa mill-konvenut bdew isiru f'Marzu 2005 u baqgħu jsiru sa Marzu 2006! (ara Dok. BDQ f'paġna 35 u rendikont tal-ħlasijiet mogħtija mill-attur f'paġna 154 tal-proċess). Din il-Qorti ma tistax ma tosservax in-numru ta' drabi li jingħadu affarijiet fl-appell taħt eżami li minn qari tal-provi fl-atti jirriżulta mod ieħor!

32. Fir-rigward tal-punt li l-perit maħtur mill-Ewwel Qorti sab żball fil-kont tal-perit Musumeci, li kien dak tal-bilanċ ta' Lm4,470 li kien jirrapreżenta l-VAT dovut, li l-konvenut jaċċetta bħala dovuti, hawn ukoll l-argument tal-konvenut huwa wieħed fallaċi. Dan jingħad peress li mir-rapport tal-perit tekniku jirriżulta li l-iżball li hemm fil-kont tal-perit mhuwiex l-ekwivalenti għal dak li l-konvenut ifisser li huwa l-VAT dovut fuq il-kuntratt ta' appalt. Iżda l-perit tekniku «*rriskontra żball fl-addizzjoni tal-kont tal-perit Musumeci*» (ara paġni 318 u 319 tar-rapport). F'kull każ, il-perit tal-Qorti wasal għall-konklużjoni, li l-bilanċ dovut lill-attur huwa dak ta' Lm6,855.40 (VAT inkluż) u mhux dak l-ammont indikat mill-konvenut appellant fir-rikors tal-appell tiegħu.

33. B'żieda ma' dan, jitqies inkongruwenti għall-aħħar l-argument tal-konvenut appellant li l-*quantum* maqbul kellu l-VAT inkluż, meta huwa qabel jisħaq li ma kienx hemm qbil fuq rati u li huwa qatt ma ngħata rċevuta tal-VAT! Hekk ukoll, meqjus ir-relevanza tax-xhieda ta' Robert Lia, fejn xehed li r-rati mogħtija minnu għall-appalt f'Ħaż-Żebbuġ, ma kinux jinkludu l-VAT, isaħħaħ l-argument tal-attur li rati li uża għaż-Żejtun, kienu bbażati fuq dawk ta' f'Ħaż-Żebbuġ, li ma kinux jinkludu l-VAT. Din il-Qorti wkoll issibha diffiċli temmen lill-konvenut meta jgħid li kien jinsisti li kull prezz kellu jinkludi l-VAT, meta jisħaq li ftehim fuq rati ma kienx jeżisti!

34. Sa fejn il-konvenut appellant jikkritika lill-Ewwel Qorti li warrbet l-opinjoni tal-espert tekniku maħtur minnha, tajjeb li din il-Qorti tibda billi tislet xi prinċipji marbuta mal-prova bil-mezz ta' perit. Il-liġi tipprovdi li l-prova bil-mezz ta' perit jew periti tiġi ordnata fuq talba tal-partijiet jew ta' waħda minnhom, inkella mill-Qorti minn jeddha (**Artikolu 644 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Dan iseħħ meta l-Qorti tkun trid tiġi gwidata minn espert fuq materja teknika li tkun taqa' lil hemm mill-kwalifiki tagħha. Madankollu l-opinjonijiet u l-konklużjonijiet li jagħtu l-periti jaqgħu taħt l-iskrutinju u l-apprezzament tal-ġudikant bħall-provi l-oħra kollha fil-proċess. Għalkemm il-periti tekniċi jinħatru mill-Qorti sabiex jgħinuha fil-konsiderazzjonijiet tagħha, il-Qorti mhix marbuta li tadotta l-konklużjonijiet tagħhom.

35. Proprju għalhekk, l-**Artikolu 681 tal-istess Kodiċi** jipprovdi li l-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha (ara s-sentenza reċenti ta' din il-Qorti tal-25 ta' April, 2024 fil-kawża fl-*ismijiet* ***Carmen Muscat pro et noe v. Domenic Cuajar et***). Hekk ukoll, f'sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Grech v. L-Avukat Dr Antoine Cachia et*** ingħad li r-rapporti tal-periti jservu sabiex jassistu lill-qrati u mhux biex jorbtuhom (*dictum expertorum numquam transit in rem iudicata*).

36. Fuq ix-xaqliba l-oħra, kif ingħad minn din il-Qorti f'okkażjonijiet oħra, inkluż dik riċenti fis-sentenza tagħha tal-1 ta' Frar, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Alexander Wright et v. Francis Farrugia et***, ladarba l-fehmiet tal-esperti tekniċi huma meqjusa bħala aċċertament ta' fatti, allura biex il-Qorti tkun tista' titbiegħed minnhom, jeħtieġ illi jkun hemm raġunijiet serji u validi biżżejjed (ara s-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Paul Lungaro v. Salvino Lungaro*** deċiża fis-26 ta' Mejju, 2021 u ***Carmel sive Charles Gatt et v. Joseph Stagno*** deċiża fit-28 ta' Jannar, 2021).

37. Hemm ingħad ukoll, li tassew Qorti ma tistax tkun tant prużuntuża illi tmur kontra l-opinjoni teknika tal-esperti tagħha, meta tali opinjoni ma tkunx ġiet raġonevolment megħluba bi provi oħra konvinċenti (ara ***Benjamin Camilleri noe v. Charles Debattista et noe*** deċiża minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 2001). Dan għaliex, f'qasam tekniku jew speċjalizzat, l-Imħallef ma jkollux dak l-għarfien tas-suġġett jew ħila prattika biex minn rajh jasal għal fehma li ma tkunx gwidata minn fehma teknika ta' espert fil-qasam (ara ***Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut*** deċiża minn din il-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2021 u ***Geswalda Caruana v. Francis Xerri et*** deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2014).

38. Imħaddma dawn il-prinċipji għall-każ taħt eżami, jirriżulta li l-perit tekniku tal-Qorti fil-kalkoli tiegħu inkluda kemm is-somma mitluba mill-attur bħala *lump sum* ta' Lm9,907.90 għal xogħlijiet ta' bini u

alterazzjonijiet f'bini tat-tip mertu tal-kawża (li saru fil-pjan terran), kif ukoll ir-rati adottati mill-perit Musumeci fil-ħruġ tal-kont tiegħu (marbuta max-xogħlijiet li saru fl-ewwel sular) sabiex wasal għall-konklużjoni li r-rati «*jirriflettu komplessivament rati kurrenti għax-xogħlijiet li għamel l-attur*» (ara paġna 320 tal-proċess), meta jidher paċifiku bejn il-partijiet li l-parti tax-xogħlijiet fil-pjan terran ma kinux parti mill-mertu taħt kontestazzjoni. Għalhekk tikseb relevanza kbira dak li l-perit Cassar xehed taħt eskussjoni meta qal li huwa ħa qies tal-pagament *lump sum* sabiex wasal għall-konklużjoni li r-rati komplessivament kienu jirriflettu r-rati kurrenti u li r-rati li adotta l-perit Musumeci, waħedhom huma nqas minn dawk li jintużaw għal dan it-tip ta' xogħol (ara paġna 381 tal-atti). Ġaladarba l-imsemmi perit sabiex wasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar ir-rati, qies il-ħlas tax-xogħlijiet li twettqu fil-pjan terran, daqslikieku kienu parti mill-talbiet attriċi, meta dawn lanqas biss kienu parti mill-kont maħruġ mill-perit Musumeci, u wisq inqas kienu jagħmlu parti mill-inkarigu mogħti lill-perit mill-istess Qorti (ara verbal f'paġna 304 tal-attur), jagħmilha ovvju li l-Qorti ma setgħetx toqgħod fuq l-imsemmi rapport sabiex tasal għall-konklużjonijiet tagħha u allura kien raġonevoli li dan ir-rapport jiġi mwarrab.

39. Jonqos l-aħħar punt taħt l-ewwel aggravju, dak li l-preżunzjoni kellha tkun li t-talbiet attriċi għall-ħlas tal-bilanċ kienu jinkludu l-VAT u dan skont ma tipprovdi l-liġi. Ġaladarba l-ewwel subinċiż tal-**Artikolu 49 tal-**

**Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud** jirrigwarda bejgħ bl-imnut u t-tielet subinċiż jirrigwarda prezz imħallas fuq fattura jew dokument li jservi bħala fattura maħruġa minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli oħra, jitqies li t-tieni subinċiż japplika għall-każ taħt eżami, li jaqra hekk:

> *«(2) Fejn l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas taħt dan l-Att ma jkunx identifikat fi ħlas għal provvista taxxabbli jew fi prezz imħallas, ħlief għal f'fattura jew dokument li jservi bħala fattura maħruġa minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli oħra, għal provvista taxxabbli, dak il-ħlas jew prezz għandu jitqies li jkun jinkludi t-taxxa.»*

40. Huwa minnu li f'dan is-subinċiż il-preżunzjoni hija li fejn l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas ma jkunx identifikat fil-ħlas jew prezz, għandu jitqies li jkun jinkludi t-taxxa. Madankollu, mill-provi jirriżulta li l-attur xehed li r-rati li fuqhom huwa kien qiegħed jitlob ħlas, ma kinux jinkludu l-VAT. Dan jinsab ikkonfermat mix-xhud indipendenti Robert Lia, li r-rati mogħtija minnu għal Ħaż-Żebbuġ, ukoll ma kinux jinkludu l-VAT. Minkejja li huwa minnu li l-konvenut jsostni li huwa kien jinsisti li r-rati jinkludu l-VAT, kif ingħad qabel huwa diffiċli għal din il-Qorti li temmen il-verżjoni tal-konvenut, ikkunsidrat l-argumenti tiegħu li ma kienx hemm ebda ftehim fuq rati! Kif ukoll, minn ħarsa lejn il-kont maħruġ mill-perit inkarigat mill-konvenut, jirriżulta li meta pprepara l-kontijiet, huwa żied il-VAT fuq it-totali kalkolati minnu (ara Dok. BDR3 f'paġna 43) u mhux bħala parti mir-rata.

41. Minkejja li l-perit tekniku taħt eskussjoni għaraf li x-xhieda kienet tindika li l-VAT ma kienx inkluż u l-perit Musumeci applika rati li ma

jinkludux il-VAT, huwa ħadem dak li fil-fehma tiegħu kien dovut lill-attur fuq il-preżunzjoni li ladarba t-talbiet tal-attur fir-rikors promotur ma hemmx indikat li dawn jinkludu l-VAT, qies li dak li mhux eskluż għandu jiġi inkluż. Magħdud dan kollu, din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni milħuqa mill-Qorti ta' qabilha fis-sens li l-attur irnexxielu jipprova li r-rati li fuqhom qiegħed jitlob il-ħlas ma jinkludux il-VAT.

42. Sa fejn il-konvenut appellant jistaqsi kemm l-attur għandu l-ħsieb li jħallas it-taxxa tal-VAT, tajjeb li jiġi osservat, li ma tressqux provi dwar dan il-punt. Għalkemm ma hemmx prova li l-attur ġa ħallas lid-dipartiment, madankollu jibqa' l-fatt illi, jekk l-attur għadu ma ħallasx lid-dipartiment, għadu debitur tiegħu, u l-bilanċ dovut lid-dipartiment jibqa' passiv fil-patrimonju tiegħu (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Novembru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet ***Semago Trading Company Limited v. The Stork Enterprises Company Limited***). L-attur appellat kellu dritt jiġbor it-taxxa mingħand il-konvenut flimkien mal-ħlas tal-bilanċ tal-appalt dovut lilu, u mhux wara, meta jgħaddi t-taxxa miġbura lid-dipartiment. Għalhekk l-attur xorta għandu jieħu mingħand il-konvenut it-taxxa li dan kellu jħallas flimkien mal-ħlas tal-bilanċ dovut lilu fuq l-appalt.

43. Isegwi li din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fl-ammont li hija ordnat lill-konvenut iħallas, inkluż li għandu jitħallas il-VAT kif deċiż minnha u għalhekk l-ewwel aggravju ser jiġi miċħud.

44. Imiss li jiġi trattat l-**<u>aħħar aggravju</u>**, dak fejn il-konvenut jilmenta li l-Ewwel Qorti mhux biss laqgħet it-talbiet attriċi, iżda imponiet il-ħlas tal-imgħax ta' 8% fuq is-sorte mid-data li tressqet il-kawża. Dan meta l-kawża għamlet madwar sitt snin differita għas-sentenza u għalhekk id-dewmien ma kienx tort tiegħu. Jgħid li dan ser iwassal sabiex l-attur jagħmel arrikkiment inġust peress li l-ebda bank mhu ser jagħti dan it-tip ta' imgħax fuq investiment magħmul, mentri huwa ser jiġi penalizzat minħabba n-nuqqasijiet fis-sistema ġudizzjarja. Għalkemm il-konvenut appellant jikkonċedi li l-imgħax qiegħed hemm sabiex jipproteġi lill-attur, ipoġġih fl-*istatus quo ante,* u jtaffi mid-danni, iżda b'dan li kull parti, inkluż il-Qorti tagħmel id-dmir tagħha, mhux li jsir arrikkiment kważi indebitu.

45. Il-konvenut appellant jisħaq ukoll li l-attur kellu garanzija ta' ħlas permezz tad-depożitu ta' garanzija bankarja, li setgħet tiggarantixxi kull pagament eventwali, hekk kif huwa ddepożita somma ekwivalenti għat-talba ġewwa kont bankarju li ġie ffriżat mill-bank sabiex il-bank jagħti garanzija fuqu. Għalhekk il-konvenut isostni li ġie penalizzat doppjament hekk kif kellu somma flus iffriżata l-bank li fuqha ma ħa l-ebda imgħax u fl-istess waqt ġie kkundannat iħallas 8% imgħax fuq l-ammont mitlub li baqgħet għaddejja tul is-snin kollha li l-kawża baqgħet pendenti u dan mingħajr l-ebda tort imputabbli lilu. Għalhekk il-konvenut appellant isostni li kellu jkun hemm tnaqqis fl-imgħax.

46. Jingħad ukoll mill-konvenut appellant li minkejja li t-talbiet attriċi kienu għal ammont fiss, il-kawża aktar kellha xeħta ta' waħda *da liquidarsi,* hekk kif il-mertu tal-kawża kien idur madwar il-fatt li l-partijiet qatt ma qablu fuq xi ammont dovut jew rati fissi, anzi skont il-konvenut, ir-rata kellha tiġi ffissata minn perit inkarigat bi qbil bejn il-partijiet, kif fil-fatt seħħ. Ladarba kien meħtieġ l-għarbiel ġudizzjarju sabiex jiġi aċċertat l-ammont dovut, la jista' jingħad li d-debitu kien wieħed ċert u lanqas kien wieħed likwidu, tant li kemm il-perit Musumeci, kif ukoll il-perit inkarigat mill-Ewwel Qorti waslu għal ammonti differenti minn dak mitlub mill-atturi.

47. Il-konvenut appellant jagħmel ukoll referenza għall-ġurisprudenza fis-sens li, meta d-debitu jkun wieħed inċert u llikwidu, l-imgħaxijiet ma jkunux dovuti mid-data tat-talba, aktar u aktar f'każ fejn parti mid-diżgwid bejn il-partijiet fil-kawża kien jitratta wkoll, nuqqas ta' qbil dwar jekk l-ammont dovut jinkludux jew le l-VAT. Dan fil-fehma tal-konvenut appellant, ikompli jsaħħaħ l-argument li l-imgħax għandu jitlaq mid-data tas-sentenza finali u mhux minn meta tressqet il-kawża. Għalhekk il-konvenut appellant jitlob lil din il-Qorti timponi ħlas tal-imgħax mid-data tas-sentenza jew minflok li tillikwida somma *arbitrio boni viri* bħala kumpens għall-imgħax.

48. Jibda billi jiġi osservat li fis-sentenza msemmija mill-konvenut appellant (dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Jannar, 2017, fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Agius et v. Louis Galea***), kuntrarjament għall-

każ taħt eżami, it-talba kienet waħda *da liquidarsi* u għalhekk il-paragun ma jreġix. Tabilħaqq, fil-każ tal-lum, huwa minnu li l-atturi sejħu lill-konvenut għall-ħlas ta' somma determinata. Madankollu, l-Ewwel Qorti naqset bi ftit l-ammont mitlub mill-atturi, u għalhekk, kien meħtieġ li l-Qorti taċċerta ruħha dwar l-ammont li kellu jitnaqqas mill-pretensjonijiet tal-atturi.

49. L-**Artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili**, li jitkellem dwar l-obbligu fuq il-midjun li jħallas l-imgħax minħabba li ma jkunx ħallas dejnu fil-ħin. Fl-ispeċifiku, dan il-provvediment tal-liġi jgħid li jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, allura d-danni li jiġu mid-dewmien tal-eżekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena. Għalhekk, din ir-rata hija stabbilita bil-liġi.

50. Din il-Qorti għamlitha ċara kemm-il darba li bħala regola ġenerali, meta l-attur jitlob somma determinata u din titnaqqas mill-Qorti, id-debitur m'għandux jieħu vantaġġ billi jinħeles mill-ħlas tal-imgħax (ara ***H&C Developments Ltd v. Grazio u Michelina konjuġi Portelli*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 2013 u ***Albert Mallia v. Albert Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2014), u dan sewwasew għaliex l-imgħaxijiet jitħallsu għax parti tkun żammet għaliha u nqdiet bi flus li fis-sewwa kellu jgawdihom u jinqeda bihom ħaddieħor

(ara ***Simon Debono et. v. Viaggo Facile s.r.l. et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022).

51. Huwa biss f'dawk il-każijiet li fihom ikun wisq diffiċli jekk mhux ukoll impossibbli għad-debitur li jkun jaf x'inhu dovut minnu (ara ***Mariella Vidal v. Micaela Cassar*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar, 2020), jew inkella meta l-ammont mitlub mill-kreditur jitnaqqas b'mod qawwi (ara ***Avantgarde Holdings Limited v. Ivan Cassar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022), li d-debitur m'għandux jagħmel tajjeb għall-interessi sakemm ssir investigazzjoni ġudizzjarja dwar kemm tassew għandu jagħti.

52. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti ma tistax taqbel mal-konvenut appellant li f'dan il-każ kien hemm xi lok fejn kellu jitħaddem il-prinċipju li *in illiquidis non fit mora* għaliex ma jistax jingħad li hemm xi diskrepanza kbira bejn l-ammont oriġinarjament mitlub mill-atturi, ta' Lm6,888.40 (ekwivalenti għal €16,045.66) u dak ta' €14,373.72, kif ordnat mill-ewwel Qorti. L-ammont imnaqqas tant huwa wieħed żgħir, li ma jitqiesx minn din il-Qorti bħala wieħed li jistħoqqlu l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora.*

53. Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li jingħad mill-konvenut appellant, m'għandux ikun il-kreditur li jiġi ppenalizzat minħabba dewmien ta' proċeduri ġudizzjarji, speċjalment meta l-ammont seta' jiġi faċilment

determinat fi stadju bikri tal-proċeduri (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Mejju, 2011, fil-kawża fl-ismijiet ***Perit John M. Gambina v. Fithome Limited***). Meta d-debitur ikun jaf sew x'inhu l-ammont dovut, jew meta d-debitu jkun wieħed ta' faċli likwidazzjoni, jew fejn il-kontestazzjoni tkun saħansitra waħda frivola, m'għandhiex tiġi applikata l-massima ta' *in illiquidis non fit mora*.

54. Wara kollox, kif ġustament osservat mill-appellati, għalkemm il-banek ma jagħtux imgħaxijiet ta' 8%, investiment fis-suq tal-proprjetà jista' jwassal għal dan it-tip ta' qligħ. L-imgħax huwa proprju t-telf li tagħti l-liġi bħala danni peress li l-flus tal-kreditur ikunu miżmuma mid-debitur, bil-konsegwenza li l-kreditur jitlef iċ-ċans li jinvestihom kif iqis xieraq. Il-fatt li l-konvenut iqiegħed il-flus f'garanzija bankarja, dawn ma jagħtu l-ebda imgħax lill-kreditur, iżda jservu biss ta' serħan-il moħħ li l-kreditur ikun jista' jiġbed l-istess flus f'każ ta' riżultat favorevoli għalih wara li jintemm il-proċess ġudizzjarju. Barra minn hekk, il-garanzija bankarja serviet ukoll lill-konvenut, li seta' jbiegħ il-proprjetà wara li ħareġ il-kontromandat opportun.

55. F'dan il-każ jirriżulta li, sa mill-bidu tal-kawża, il-konvenut kien qiegħed jagħraf li kellu jħallas lill-attur l-ammont ta' Lm4,470 (ekwivalenti għal €10,412.30). Kien jagħmel sens li l-konvenut iħallas minnufih din is-somma li ma kinitx kontestata, sabiex jeħles mill-obbligu tiegħu ta' ħlas u jevita li jħallas l-imgħax ta' 8% fuq dak l-ammont li ma kienx kontestat u

b'hekk inaqqas mill-imgħaxijiet li għandu jħallas. Għalhekk lanqas ma tqis f'lokha t-talba tal-appellant li tkun din il-Qorti li tillikwida somma *arbitrio boni viri* bħala kumpens għall-imgħax.

56. Magħdud dan kollu, it-tieni aggravju tal-appellant se jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-konvenut appellant u b'hekk tikkonferma għalkollox is-sentenza appellata.

L-ispejjeż marbuta mal-appell, għandhom jitħallsu kollha mill-istess konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss